"Niffidtli qalbi bil-vleġġa ta' imħabbtek"

*cf. Conf. 9,2,3*

## Mulej Ġesù

Nitolbok
sabiex
din l-għotja
ma nżommhiex
għalija biss
imma
naqsamha
b'ħafna
mħabba, ferħ u
entużjażmu
qalb ħuti
kollha mxerrdin
madwar id-dinja.

## Nirringrazzjak

Talli
tħobbna lkoll
għaliex issejjaħ
lil kulħadd biex
jimxi warajk.
Għalik kulħadd
huwa uniku,
għalik kulħadd
huwa imħabba,
għalik kulħadd
huwa msejjaħ
biex jaqdik.

## Talli sejjaħtli

Biex
nimxi warajk aktar
mill-qrib,
nirringrazzjak
Mulej Ġesù,
għax Inti niffidtli
qalbi bil-vleġġa ta'
imħabbtek.
Għax bid-dgħufija
tiegħi ser tagħmel
ħwejjeġ kbar
miegħi u permezz
tiegħi.

*Trittiku - John Martin Borg (2010) - Kunvent San Mark, Rabat*